MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-15 ta' Frar, 2005

Numru 11/2004

**Il-Pulizija**
**(Spt. M'Stella Cutajar)**
**vs**
**Tarcisio sive Tarek Sammut**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Tarcisio sive Taric Sammut,** imwieled Pieta' nhar il-11 ta' Dicembru, 1979, bin Carmelo w Alfreda *nee'* Ellul, residenti f' Flt 1 'Apartamenti Indipendenza' Blk 1, Ent A, Triq is-Salvatur, Kalkara u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 58480(M);

Talli fit-23 t' Awissu, 2002, ghall-habta tas-7.25 a.m, gewwa l-fabbrika ta' 'Farsons Brewery', Triq is-Sebh, Qormi, minghajr il-hsieb li toqtol jew tqieghed il-hajja tal-persuna ta' Tarcisio Borg f'periklu car, volontarjament

ikkagunajt ferita’ ta’ natura gravi fuq il-persuna imsemmija skond kif iccertifika t-tabib mediku Dr. David Fenech MD tac-Centru tas-Sahha, Qormi skond l-Artiklu (218) tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-14 ta’ Dicembru, 2004, li permezz taghha baghat lill-imputat sabiex ikun gudikat minn din il-Qorti, kif ukoll in-nuqqas ta’ oggezzjonii l-imputat ghall-istess.

Semghet il-provi;

Semghet ukoll l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti tal-kawza;

Fuq ammissjoni ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikolu 216 (1) (b) tal-Kap 9;

Wara li rat l-fedina penali tal-imputat;

Tilliberah bil-kundizzjoni li ma jghamilx rejat iehor sa zmien sentejn mil-lum skond l-art. 22 Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------